**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 57/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**George Cauchi**

Illum, 23 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, George Cauchi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0198059(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

i) Nhar is-16 ta' Mejju 2021 għall-ħabta ta' 17:00hrs, ġewwa Xrobb l-Għaġin, bl-opra tal-baħar bin-numru ta' reġistrazzjoni S 19975, uża bastiment żgħir fil-baħar meta tali bastiment ma kienx irreġistrat u meta l-ebda bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur m'għandu jintuża fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta kemm il-darba dak il-bastiment żgħir ma jkunx reġistrat mal-Awtorita' taħt dawn ir-regolamenti jew kemm il-darba dak il-bastiment żgħir ma jkunx reġistrat taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jew taħt l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd jew kemm il-darba dak il-bastiment żgħir ma jkunx reġistrat jew dokumentat għas-sodisfazzjoni ta' l-Aworita' taħt xi liġi ta' xi pajjiż ieħor li mhux Malta u dan bi ksur tar-Regolament 3(i), 45 u 46 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52 tal-Liġijiet ta' Malta.

ii) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, ħadd ma jista' juża jew jġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur kemm il-darba għall-użu tal-

bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur minnu jew minn dik il-persuna l-oħra skond il-każ ma tkunx isseħħ polza ta' l-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni skond id-dispozizzjonijiet u dan bi ksur ta' SL 499.52 Reg. 43.

iii) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq, ħalla jew ippermetta li jinstaq bastiment, speed boat jew xi inġenju ieħor tal-baħar li jitħaddem bil-mutur bi speed ta' aktar minn 10 knots li jitħaddem bil-mutur bi speed ta' iktar minn 10 knots f'xi port u dan bi ksur ta' Reg. 25(a) SL 499.52.

*In oltre*, il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond ir-Regolament 45 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52, tapplika l-provvediment tar-Regolament 47(1) u tiskwalifika lil George Cauchi milli jkollu liċenzja għal żmien ta' tnax -il xahar mid-data ta' meta jkun instab ħati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Jannar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 3(i), 25(a), 43, 45 u 46 tal-Liġi Sussidjarja 499.52, sabet lill-imputat George Cauchi ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundanatu għall-multa ta' ħamest elef u ħames mitt Ewro (€5,500) kif ukoll skwalifikat lill-istess Cauchi milli jkollu liċenzja fi żmien tnax -il xahar mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fit-13 ta' Frar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena hemm inflitta, alternattivament tbiddel il-piena u tagħti dik il-piena aktar miti u ġusta fil-kaz *de quo*.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali preżentata *seduta stante* nhar il-5 ta' Mejju 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda ta' Patrick Pollacco, in rappreżentanza ta' Transport Malta, nhar it-3 ta' Novembru 2023.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti li sabitu ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati, l-appellant jilmenta minn din id-deċiżjoni għal diversi motivi. Jibda' billi jilmenta li l-opra tal-baħar *de quo* kienet effettivament irreġistrata ma' *Transport Malta* u jkompli sabiex jisħaq illi ma kienx milħuq il-grad rikjest mill-liġi għal sejbien ta' ħtija meta l-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni ma kienux jissodisfaw il-vot tal-liġi fid-dawl tad-dubji lampanti li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni. Finalment u subordinatament għal dawn l-ilmenti, li kollha jikkonċernaw l-apprezzament tal-provi magħmula mill-qorti tal-ewwel grad, l-appellant jilmenta illi l-piena inflitta fuqu kienet waħda eċċessiva.

Illi, din il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu vventilat, l-appellant jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti malament ikkonkludiet illi l-opra tal-baħar in kwistjoni ma kinitx irreġistrata mal-Awtorita' għat-Trasport. Dan għaliex jikkontendi illi l-bastiment żgħir li huwa *jet-ski* jinsab identifikat u immarkat bin-numru S-19975 huwa rreġistrat bin-nuqqas ravviżat ikun dak ta' nuqqas li jsir it-tiġdid ta'din ir-reġistrazzjoni, vjolazzjoni tal-liġi li hija pprospettata bħala kontravvenzjoni differenti minn dik li dwaru huwa kien mixli u misjub ħati, u ċioe' dik indikata fit-Tielet Skeda tal-Leġislazzjoni sussidjarja 499.52.

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali odjerni, senjatament mid-dokument intitolat "**Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni lis-Sid ta' Inġenji tal-Baħar**" jirrizulta li l-*Jet-ski* "*Sea-doo Spark*" bin-numru ta' reġistrazzjoni S 19975 għandu bħala sid irreġistrat lil ċertu Doriette Darmanin, detentriċi tan-numru tal-identita' Maltija 0209077M u dan mid-9 ta' Ġunju 2021 bil-perijodu li tkopri din ir-reġistrazzjoni tkun sat-30 ta' Ġunju

[1] Ara fost oħrajn l-Appelli Kriminali Sede Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

2022. Illi preċedentement jidher illi dan il-jest-ski kien reġistrat fuq isem Joseph sultana liema reġistrazzjoni kienet terminata fl-14 ta' Mejju 2019.

Illi, fil-fatt mid-deposizzjoni ta'l-uffiċjali tal-infurzar fi ħdan l-Awtorita dwar it-Trasport, u senjatament mix-xiehda tal-uffiċjal Antoine Buhagiar tirriżulta distinzjoni bejn reġistrazzjoni terminata u dik mhux imġedda u dan meta ix-xhud ifisser illi:–

> "**Terminated tfisser illi wara li jiġi expire in-numru jiġifieri meta inti ejja nagħmlu mod ħa tħallas ir-registration tiegħek tagħlaq fl-ewwel ta' Jannar ta' 2022 jew 2023 sewwa hemm perijodu ta' żmien fejn inti tista' tħallashom jekk tinsa ma tħallasix in-numru jiġi terminated ma jibqax jeżisti**".

*In oltre*, Charles Briffa, ukoll in rappreżentanza ta' *Transport Malta*, ikkonferma li r-reġistrazzjoni tal-*jet-ski de quo* "**mhux kienet expired, kienet magħluqa**", u ċioe' – "**Tingħalaq jiġifieri d-dgħajsa ma tibqax aktar fuq ir-reġistru u trid tħallas il-liċenzja**".

Fil-fatt fid-dokument li jinsab a fol.26 tal-atti intestat ***Request for Voluntary Closure of Registry for Small Ship*** indirizzata lil Joseph Sultana datata l-14 ta' Mejju 2019 hemm hekk indikat ċar u tond illi r-reġistrazzjoni ngħalqet u tneħħiet mir-Reġistru, bis-sid ikun imwissi illi fit-termini tar-regolament 3 tal-Avviż Legali 183 tal-2008, il-bastiment ma jistax iktar jintuża fl-ibħra territorjali Maltin diment li ma ikunx debitament irreġistrat. Jkun infurmat inoltre illi fl-eventwalita' illi huwa jkun jixtieq jirriattiva din ir-reġistrazzjoni, trid issir il-proċedura tar-reġistrazzjoni mill-ġdid.

Illi, għalhekk, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova, sal-grad rikjest mill-Liġi, li l-*jet-ski* li kienet qed tiġi misjuqa mill-appellant dakinhar tas-16 ta' Mejju 2021, ma kinitx irreġistrata mal-Awtorita' kompetenti u għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

Għalhekk, għal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tieni u it-tielet aggravji mqanqla mill-appellant huma marbuta mas-sejbien ta' ħtija għat-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu meta kien mixli li saq il-*jet-ski* li fuqu kien ġie imwaqqaf mill-uffiċjali tal-infurzar b'veloċità ta' aktar minn għaxar mili nawtiċi f'xi port u dan bi ksur tar-Regolament 25(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52. Jilmenta illi mhux biss ma kienx ippruvat xjentifikament illi huwa kien qed isuq b'veloċità ta' aktar minn għaxar mili nawtiċi, iżda ukoll li huwa ma kienx qiegħed isuq f'xi port kif hemm indikat fiċ-ċitazzjoni.

Illi tajjeb illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-ilment imqanqal fit-tieni aggravju, il-Qorti tikkonsidra it-tielet aggravju billi jekk l-appellant għandu raġun f'din il-lanjanza minnu ventilata awtomatikament ma tistax tirriżulta ir-reita' għal infrazjoni tal-liġi indikata fi-tielet imputazzjoni.

L-appellant jilmenta li l-post fejn kien osservat jikkometti l-allegata infrazzjoni mill-uffiċjali tal-infurzar u li huwa indikat fiċ-ċitazzjoni, ċioe' il-bajja ta' Xrobb l-Għaġin, f'dik iż-żona magħrufa aħjar bħala il-'Hofriet', mhuwiex 'port' fit-termini tal-liġi, u għalhekk huwa ma seta' qatt jinstab ħati hekk kif imħarrek.

Illi, r-Regolament 25(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52, jiddisponi illi: -

> **25(a) Ebda persuna m'għandha ssuq, tħalli jew tippermetti li jinsaq kwalunkwe bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur b'veloċità ta' iżjed minn għaxar mili nawtiċi –**
>
> **(a) f'xi port ...**

Illi, l-istess Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52 tiddefinixxi it-terminu "*port*", fir-regolament 2, bħala li "**tfisser kull port jew bajja li hemm imsemmija fit-Taqsima I tat-Tieni Skeda**", liema portijiet huma elenkati:–

**Malta**

1. **Il-Port il-Kbir**
2. **Il-Port ta' Marsamxett**

**3. Dik il-parti tal-Bajja ta' San Ġiljan lejn il-Punent ta' linja miġbuda mill-Hotel Cavalieri sad-daħla ta' Triq il-Kulleġġ, San Ġiljan**

**4. Il-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan**

**5. Pretty Bay, Birżebbuġa**

**6. Il-Bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa**

**Għawdex**

**1. Il-Bajja tax-Xlendi**

**2. Il-Bajja ta' Marsalforn**

**3. Il-Port ta' l-Mġarr**

Illi, l-appellant għandu raġun u dan għaliex il-bajja ta' Xrobb l-Għaġin, fiż-żona magħrufa bħala l-Ħofriet tinsab f'Delimara, ġewwa Marsaxlokk li għalhekk mhwiex wieħed minn dawk il-lokalitajiet indikati bħala 'port' mill-leġislatur.

Illi, l-Ewwel Qorti, fis-sentenza mpunjata, sabet ħtija speċifikatament fl-appellant għar-reat imfassal fis-subregolament (a) tar-Regolament 25 tal-Liġi Sussidjarja 499.52, fejn l-infrazjoni trid tkun seħħet f'xi 'port' sabiex tirriżulta ir-reita'. Illi l-appellant kellu jkun mixli taħt is-sub-regolament (b) jew (ċ), iżda mhux taħt dak indikat bl-ittra (a) u kwindi dan l-aggravju jistħoqqlu akkoljiment.

Stabbilit kwindi illi ma setatx tirriżulta il-ħtija taħt ir-regolament li dwaru l-appellant kien mixli fit-tielet imputazzjoni, kwindi l-Qorti mhijiex ser tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni aggravju billi dan jittratta wkoll is-sejbien ta' ħtija għal din l-imputazzjoni u għalhekk ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta'l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fir-raba' aggravju ventilat minnu, l-appellant jgħid li meta huwa daħal għan-negozju biex jixtri l-*jet-ski de quo*, kien assuma li l-istess kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni valida. Jisħaq li *se mai* kellu jkun is-sid oriġinali li jaċċerta ruħu li kienet fis-seħħ xi polza ta'l-assigurazzjoni qabel ma seħħ il-bejgħ.

Illi l-appellant m'għandux raġun f'dan l-aħħar ilment u dan għaliex il-liġi titfa' il-piż ta' prova fuq il-persuna mixlija bil-kummissjoni tar-reat billi teżisti il-presunzjoni illi tali polza ma kenitx fis-seħħ sakemm ma issirx prova kuntrarja.

Illi, ir-Regolament 43 tal-Liġi Sussidjarja 499.52 jiddisponi illi: –

> **43.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur kemm-il darba, għall-użu tal-bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' l-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 5.**
> **(2) <u>Ikun preżunt li ma kienx hemm ebda polza ta' l-assigurazzjoni fis-seħħ skond is-subregolament (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subregolament (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat ta' assigurazzjoni maħruġ </u>għall-finijiet tar-regolament 5. <u>(enfazi ta' dina l-Qorti)</u>**
> **(3) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subregolament (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix dak ir-reat isir.**

Illi, mill-atti proċesswali odjerni ma jirriżultax li l-appellant ressaq prova dwar iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni u wisq anqas ma ressaq prova li huwa eżerċita kull diliġenza dovuta sabiex ma jħallix li dan ir-reat iseħħ. Għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fir-rigward u għaldaqstant dan ir-raba' aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' dina l-Qorti huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant jilemnat li l-istess kienet waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi tal-kaz odjern. Huwa jkompli jisħaq li l-piena erogata kellha tkun waħda lejn il-minimu.

Illi l-piena stabbilita għar-reat imfassal fit-tieni imputazzjonijiet li dwarha l-appellant kien misjub ħati hija dik tal-multa ta' mhux anqas minn erbat elef, sitt mija u sittin euro (€4,660) iżda ta' mhux iżjed minn sitt elef, disa' mija u disgħin euro (€6,990) jew

priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Illi imbagħad għall-infrazjoni indikata fl-ewwel imputazzjoni hemm il-piena tal-multa ta' €500. Inoltre l-Ewwel Qorti sabet ħtija għat-tielet imputazzjoni wkoll sabiex b'hekk ma jistax jingħad illi l-piena erogata kienet waħda eċċessiva.

Illi, stante li dina l-Qorti sejra tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni numru tlieta dedotta kontrih, madanakollu, dan ser iwassal għal bdil u temperament fil-piena mposta fuqu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa', *in parte*, l-appell tal-appellant George Cauchi. Tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

**(i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet l-appellant ħati tal-ewwel u tat-tieni mputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu; u**

**(ii) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn imponiet fuq l-appellant skwalifika milli jkollu liċenzja għal żmien tnax-il xahar liema terminu għandu jibda jiddekorri min nofs il-lejl ta' llum;**

**(iii) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet l-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih u minflok tgħaddi sabiex tilliberah mill-istess; u**

**(iv) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għall-ħlas ta' multa ta' €5,500 u minflok tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' €5,000.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**